MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 237/2007/1

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Anthony Frendo**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Marzu, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-Talba li bih is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u tlett Euro u ghaxar centezmi (€2,903.10) - (Lm1,246.30c) dovuta bhala imghaxijiet legali fuq ammont minnu originarjament dovut, prezz ta' merkanzija varja

lilu mibjugha u kkonsenjata, li thallset wara d-data li kellu jithallas - Dokument A anness ma’ l-Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u mhux il-legittimu kontradittur. Illi sussidjarjament minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma fi kwalsijasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhux dovut.

Sema’ x-xhieda ta’ Kevin Magri, Joe Falzon, Ray Bartolo u Anthony Frendo.

Ra d-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Ramon Rossignaud ghas-socjetà attrici u Dr Siegfried Borg Cole ghall-konvenut.

Ikkonsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut jiggestixxi l-hanut maghruf bhala Tikka Bar li jinsab numru 15, Old Treasury Street, Valletta. Huwa kien jixtri minghand is-socjetà attrici fil-vesti tieghu personali, izda minhabba cirkostanzi personali huwa ma baqax jixtri minghand is-socjetà attrici u l-kont l-antik gie imhallas u saldat.

Gara li l-konvenut kellu bzonn ikompli jixtri minghand is-socjetà attrici u ghalhekk irregistra kumpanija li jisimha Source Supplies Limited u beda jixtri minghand is-socjetà attrici f’isem din il-kumpanija izda sabiex jinghata kreditu, is-socjetà attrici ezigiet li jigi ffirmat *credit application form* li gie ezibit bhala Dokument RM1 a fol 17 tal-process u skond dan id-dokument hemm miktub hekk:

“Dear Sirs,

I wish to open an account with your company. The goods being ordered are for my personal use/are to be sold from the establishment listed below; Source Supplies Limited (Tikka Bar) 129, St. Dominic Street, Valletta, telephone number 239303, mobile 0970854 of which I am the owner (state status) and I undertake personal responsibility for payment within the approved credit limit/terms. …… I require new credit terms of 75 days and/or a credit limit of Lm10,000. If the establishment is operated by a company please detail;

Name: Source Supplies Limited
Registered No.: C 23741
VAT no.: 1526-5614
Registered address: 129, St. Dominic Street, Valletta
My/Our bankers are: B.O.V Branch Balluta
My/Our Accounts: 11807391011

I wish to effect payments by and not (by cheque) (NO). Full name of principle owner/owners and/or director/s: Mr Anthony Frendo.

Private address: 15, Old Treasury Street, Valletta
ID card: 239850(M)
Telephone No: 226984"
Dan id-dokument gie ffirmat minn Anthony Frendo izda fil-parti ta' wara tal-istess dokument jirrizulta din it-talba giet accettata ghalkemm mhux *in toto* f'sens illi s-Sales Manager approva fit-13 ta' Marzu, 2000 u d-Direttur tal-kumpanija Paolo Bonnici Limited accetta fid-29 ta' April, 2000 però l-*credit terms* kienu sittin (60) gurnata u mhux hamsa u sebghin (75) gurnata.

In segwitu l-konvenut beda jixtri minghand is-socjetà attrici u tellgha kont sostanzjali u billi hu qabez il-*credit facility* moghti lilu kemm fl-ammont

ta' flus u kif ukoll taz-zmien, Paolo Bonnici Limited itterminat il-*credit agreement*. Jidher illi fil-fatt mill-*statement* ezebit a fol 33 tal-process, fl-20 ta' Lulju, 2001 kien hemm l-ahhar *invoice* ta' mitejn u sebgha u sebghin Euro u ghoxrin centezmi (€277.20) - (Lm119) u dak iz-zmien kien hemm bilanc dovut ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u sbatax-il Euro u tmienja u tletin centezmi (€29,517.38) - (Lm12,671.81c). Minn dak iz-zmien imbaghad il-kont juri li bdew isiru biss pagamenti akkont sakemm eventwalment wasal l-ahhar pagament li sar fit-3 ta' Dicembru, 2004 meta thallas l-ammont ta' elfejn, mitejn u sebgha u tmenin Euro (€2,287.00) - (Lm981.81c) li kien proprju l-bilanc li kien *outstanding* fuq il-kapital.

F'din il-kawza l-kumpanija attrici qieghda titlob li tircievi l-imghaxijiet li akkumulaw minn zmien ghal zmien fuq il-bilanc fuq indikat billi l-konvenut ma zammx mal-*credit terms* moghti lilu. Il-konvenut da parti tieghu qieghed isostni li meta huwa hallas is-somma ta' elfejn, mitejn u sebgha u tmenin Euro (€2,287.00) - (Lm981.81c) huwa, fi kliemu, skwerja l-kont, u ghalhekk minn dak il-mument ma kien ghad fadal xejn u ghalhekk qieghed isostni illi galadarba sa dak il-mument is-socjetà attrici ma kienetx qieghda tippretendi interessi minn ghandu, kien hemm rinunzja da parti taghha ghal dawn l-interessi.

M'hemmx dubju li hawn si tratta transazzjoni kummercjali u ghalhekk f'kazijiet simili, l-imghax jiskatta awtomatikament fil-mument li l-hlas jkun dovut u cjoè 60 gurnata wara kull invoice.

Però l-konvenut jissottometti li anke kieku wiehed kellu jammetti li seta' kien hemm imghax, l-atturi da parti taghhom rrinunzjaw ghall-istess, jekk mhux espressament, permezz ta' mod tacitu.

In materja ta' rinunzja ta' dritt tajjeb li ssir referenza ghall-insenjament tal-**Qorti tal-Appell**

**(Sede Inferjuri) (Appell Civili Nru. 583/2002/1) fl-ismijiet "Anthony u Joan konjugi Scerri -vs- Anthony u Sylvie konjugi Cutajar et"** fejn intqal hekk:

"Bla dubju r-rinunzja hija att guridiku unilaterali, b'karattru abdikattiv in kwantu tirrizolvi ruhha fit-telf tad-dritt gja akkwistat. Ghaldaqstant iggorr l-effetti taghha imprexxindibilment mill-accettazzjoni tal-parti l-ohra. Kif spjegat mill-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII para. 126 pagna 109) ir-rinunzja hija "*la manifestazione di una volonta', e la volonta' o il consenso puo manifestarsi o espressamente o tacitamente*". Din il-volontà trid tkun cara u pozittiva u tista' tkun dezumibbli kemm minn provi diretti kemm minn presunzjonijiet;

Korrispondenti ma' dan il-hsieb, il-gurisprudenza taghna ma tonqosx milli tavverti illi:

(1) "*La rinunzia ad un diritto, perchè si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressione generiche*". (**Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154**);

(2) "*Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s' intenda rimesso quanto meno sia possibile*" ("**Sciberras -vs- Giappone**, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Ottubru, 1840);

(3) "Ir-rinunzji huma *di stretto diritto* u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juri l-volonta' preciza tar-rinunzjant" – "**Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg**", Appell, sede inferjuri, 25 ta' Novembru, 1986;

(4) "In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta' l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-

cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut l-att" (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**)."

Illi t-Tribunal jidhirlu li hemm xi fatturi li jimmilitaw favur il-konvenut u kontra t-tezi tal-atturi u dawn huma:

i. Meta l-*credit facility* giet iffrizata u l-konvenut beda jhallas d-debitu, fl-ebda mument ma ssemmew l-interessi u fl-ebda mument ma l-konvenut intalab ihallas l-interessi. Il-konvenut kien qed jaghmel pagament kull gimgha fuq medda ta' circa tlett snin u nofs – cjoè total ta' circa 170 pagament.
ii. Meta l-konvenut gie biex ihallas l-ahhar bilanc talab lis-*salesman* kemm kien jifdal u fit-3 ta' Dicembru, 2004 l-konvenut spicca biex hallas proprju dan l-ammont. Anke f'dan il-mument ma ssemmewx l-interessi u l-konvenut kien minn ghalih li b'dak il-hlas kien salda d-debitu tieghu lejn s-socjetà attrici.
iii. Jinghad wkoll li kien biss fil-25 ta' Jannar, 2005 li s-socjetà attrici ippretendiet l-interessi.

In-norma hija li meta debitur ihallas, li l-hlas jigi applikat l-ewwel kontra l-interessi u imbaghad fuq il-kapital (Art. 1169(2) tal-Kap 16). Meta l-konvenut beda jhallas, il-pagamenti gew kollha applikati kontra l-kapital. L-interessi ma ssemmew xejn. L-applikazzjoni ma saritx fuq xi talba tad-debitur izda saret mis-socjetà attrici minn jeddha. Inoltre, meta qabel il-konvenut kien jiggestixxi n-negozju fuq ismu (Tikka Bar) huwa kien gja kellu problemi mas-socjetà attrici u mid-dokumenti a fol 38 sa 45 hemm il-*history* bejn l-1 ta' Jannar, 1996 u Jannar 1999. Wara Frar 1998 ma kien xtara kwazi xejn u kien tellgha kont ta' hames mija u disgha u ghoxrin Euro u wiehed u disghin centezmi (€529.91) - (Lm227.49) u minn hemm beda jhallas lura u hawn ukoll ma ntalbux l-interessi.

> Ma' dan wiehed jista' jzid illi meta l-konvenut kien qed jhallas kull gimgha, huwa kien qed jaffettwa pagament perjodiku u f'ebda hin ma saret riserva ghall-interessi u ssemma biss il-bilanc kapitali ghalhekk anke jekk wiehed ihares lejn id-disposizzjonijiet tal-Art. 1160 tal-Kodici Civili wiehed jista' jikkonkludi li b'hekk kien biss l-bilanc kapitali li kien qed jigi pretiz. Il-presunzjoni taht l-Art. 1160 (gja art 1203) tal-Kodici Civili hija meqjusa bhala presunzjoni *juris tantum* sakemm, *inter alia*, ma jkunx hemm cirkostanzi "li minnhom jidher li kien hemm raguni tajba sabiex dak id-dejn (l-imghax) ma jissemmiex la fil-hlas u lanqas fil-kontijiet wara" (**Falzon vs Brown App Civ 25/6/1960**). It-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex f'dik l-medda ta' tlett snin u nofs is-socjetà attrici qatt ma semmiet l-interessi u lanqas ma ghamlet *update* annwali tal-interessi u stenniet li jithallas l-ammont kollu kaptali biex titlob l-interessi.
>
> It-Tribunal huwa tal-fehma li tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi jidher car li s-socjetà attrici kienet qed tirrinunzja tacitament ghall-interessi u kien biss wara li sar l-ahhar hlas f'Dicembru, 2004 li kellha ripensament. L-agir kollu tas-socjetà attrici sa Dicembru, 2004 inekwivokament jikkonforta d-difiza tal-konvenut u ghalhekk it-talba attrici ma tisthoqx li tigi milqugha.
>
> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici. L-ispejjez huma bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici bl-aggravju kontestanti r-ragonament tat-Tribunal li cahad it-talba taghha ghall-imghaxijiet. Koncizament, dan l-aggravju taghha hu artikolat bil-mod infraskritt;

(1) Ir-rapport negozjali bejn il-partijiet kien regolat mill-Credit Application Form esebita a fol. 17 tal-process;

(2) Trattasi ta’ obbligazzjoni kummercjali kienet il-ligi stess, ex-Artikoli 1139 u 1141 (1) tal-Kodici Civili, li kienet tipprovdi ghall-imposizzjoni tal-hlas ta’ l-imghaxijiet;

(3) Minn imkien mill-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jirrizulta illi hu nnifsu kien qieghed jippretendi li hi rrinunzjat ghad-drittijiet taghha ghall-imghaxijiet;

(4) L-argomentazzjoni tat-Tribunal ghas-sostenn tad-deklaratorja taghha tar-rinunzja tiddifetta ghar-raguni illi l-pretensjoni taghha kienet wahda li tirrientra fl-ambitu tal-ftehim negozjali riferibilment ghall-pattwizzjoni ta’ l-imghaxijiet u tad-dekorriment taghhom;

Ir-relazzjoni guridika li nholqot bejn il-partijiet u li tat lok ghall-istanza quddiem it-Tribunal kienet regolata mill-Credit Application Form bejn is-socjeta` attrici u l-kumpanija Source Supplies Limited. Fil-qosor, il-ftehim kien jistipula dan li gej:-

(1) li ghall-merce akkwistata minghand is-socjeta` attrici, il-kumpanija xerrejja nghatat facilitajiet kreditizji ta’ 75 gurnata jew limitu ta’ kreditu ta’ Lm10,000;

(2) li s-sidien jew diretturi ta’ l-imsemmija socjeta` akkwirenti assumew ir-responsabilita` personali ghall-hlasijiet;

(3) li “*any outstanding balances will be subject to interest charges as stipulated by law*”;

(4) Il-ftehim datat 9 ta’ Marzu, 2000, hu sottofirmat, *inter alia*, mis-Sales Manager tass-socjeta` attrici u mill-konvenut personalment;

Dak li hu evidenti mill-premess ghall-iskop ta’ l-ezami tat-talba attrici kif koncepita, hu li l-ftehim kien jahseb ghar-rizerva ta’ imposizzjoni ta’ imghaxijiet fuq kull bilanc ta’ kreditu. Dan ifisser illi kull ma kellha tipprova s-socjeta` attrici kien dak li l-konvenut, debitur taghha, kien baqa’

inadempjenti. Dan fis-sens li rritardja l-pagament dovut. Il-gurisprudenza tkompli tinsenja illi "wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneru li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija (*causa estranea*) li taghha huwa ma kienx responsabbli, jigifieri li huwa ma kellux htija billi kien mexa bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Dan huwa s-sistema adottat mil-ligi taghna (Artikolu 1175 (1) u Artikolu 1176, prezentement Artikoli 1132 u 1133, Kodici Civili). Jekk imbaghad huwa ma jasalx ghal din il-prova huwa jkun fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni (Artikolu 1074, illum 1031, Kodici Civili); u f'kaz ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha, meta l-obbligazzjoni ma tkunx ta' natura kummercjali, jikkonsistu fl-imghax tal-5% fis-sena (Artikolu 1182 Kodici Civili, presentement fl-imghax ta' 8% skond l-Artikolu 1139, Kapitolu 16), illi (barra fil-kaz ta' obbligazzjoni kummercjali u fil-kaz li l-ligi tiddikjara li ghandhom jghaddu *ipso jure*) jibda jiddekorru mill-gurnata ta' l-interpellazzjoni b'att gudizzjaru (Artikolu 1184 illum 1141, Kodici Civili)". Ara "**Joseph Albanese *et* -vs- Michelina Sarè *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu, 1955;

Hu distingwibbli minn din is-silta appena riprodotta illi l-obbligu tal-hlas ta' l-interessi tirraprezenta dik il-valutazzoni legali tipika ta' l-ezistenza u tal-mizura tad-dannu soffert. L-interessi huma allura intizi biex jaghmlu tajjeb ghal pregudizzju derivanti mid-dewmien u ghandhom l-effett tar-re-integrazzjoni tal-patrimonju tal-kreditur. Dan johrog ben car mid-dispost ta' l-Artikolu 1139 Kodici Civili in kwantu dan jippresupponi qaghda ta' dewmien fl-adempiment da parti tad-debitur tal-pagament minnu "ta' somma determinata". Fejn, imbaghad, bhal fil-kaz prezenti, obbligazzjoni bhal din tkun tax-xorta kummercjali hi l-ligi stess li tistabilixxi "d-*dies a quo",* ossija l-gurnata meta l-interessi jibdew jghaddu. Ghal precizazzjoni, skond l-Artikolu 1141 (1) Kodici Civili, minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita";

Jekk wiehed joqghod dejjem fil-parametri ta’ l-estratt riportat mis-sentenza succitata, kif ukoll fid-dixxiplina normattiva ta’ l-Artikolu 1133 ta’ l-istess Kodici Civili, l-atti istruttorji minn imkien ma jiddemostraw illi l-konvenut irnexxielu jgib il-kontro-prova illi d-dewmien da parti tieghu kien hekk dovut “minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kellux htija”. Huwa, anzi, jikkampa r-rezistenza tieghu ghall-hlas ta’ l-intressi reklamati fuq id-difiza illi huwa ssalda l-kont u s-socjeta` attrici ma kienetx titolbu interessi fl-i*statements* li kienet tibghatlu. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 56 tal-process;

It-Tribunal, zbaljatament fil-hsieb tal-Qorti, interpreta l-linja difensjonali tal-konvenut appellat bhala li kienet tikkomporta rinunzja da parti tas-socjeta` attrici ghall-imghaxijiet. Dan, huwa jasal ghalih bazikament fuq id-deduzzjoni illi meta l-konvenut beda jiskonta d-debiti tieghu, l-interessi qatt ma ssemmew. Dan, la mill-kumpanija attrici u lanqas mis-*salesman* taghha. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma tikkondividix din id-deduzzjoni semplicistika u, anzi, issib li jezistu ragunijiet biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni li wasal fiha t-Tribunal;

Issa, apparti mill-konstatazzjoni illi, kif gja manifest, il-Credit Application Form bejn il-partijiet kien jahseb *expressis* ghall-imposizzjoni ta’ l-imghaxijiet fuq kull kreditu bilancjali, hi sew dottrina, sew gurisprudenza konkordi, illi biex tavvera ruhha r-rinunzja espressa din trid tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci ( Ara **Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154**) u fil-kaz ta’ rinunzja tacita, minn imgieba tali, bla possibilita` ta’ interpretazzjoni diversa, li turi l-volonta` inekwivokabbli tar-rinunzjant li huwa ried jabdika d-dritt tieghu (Ara **Vol. XXXIV P I p 646** u **Vol. XXXVI P I p 343**);

Dan premess, il-Qorti hi tal-fehma illi fil-kaz prezenti ma tistax tikkonfigura ebda rinunzja, la tacita, u wisq anqas espressa. Fiz-zgur, ir-rinunzja tacita ma tistax tidderivi mill-fatt illi l-kumpanija attrici appellanti naqset li titlob l-

interessi fil-mument li waqfet ghal kollox il-facilitajiet kreditizji, jew ghax dawn l-istess interessi ma ssemmewx mis-*salesman* fil-mument li kkomunika lill-konvenut il-bilanc tal-kapital dovut. Dik il-kondotta inerti tal-kumpanija attrici f'dawk il-mumenti specifici ma kellhiex tigi tradotta ghal dik ta' l-abbandun tad-dritt ghall-interessi li l-ftehim kien jirrizerva ghaf-favur ta' l-istess kumpanija kreditrici. Kif jinsab, del resto, osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**Spiridione L. Mizzi *proprio et nomine* -vs- Emmanuele Falzon**", Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar, 1954, "gie, anzi, ritenut mit-tribunali taljani – anke fil-ligi taljana debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi '"*di pieno diritto*' – illi '*il solo fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituente per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medisimi'*.";

Proprjament x'seta' fehem il-konvenut appellat mill-avvenimenti soprevvenuti ghall-Credit Application Form huwa ghal kollox irrilevanti u jibqa' ma jincidi bl-ebda mod fuq l-obbligazzjoni tieghu tal-hlas ta' l-interessi. Primarjament, ghaliex dik l-obbligazzjoni tieghu tohrog mill-istess ftehim sottoskritt minnu. Sekondarjament, ghaliex l-obbligu tieghu tal-pagament ghandu l-fondament fis-sitwazzjoni gja krejata bil-mora tieghu. Fic-cirkustanzi ma jistghu jservu ta' ebda applikabilita ghal soluzzjoni gusta tal-vertenza d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 1169 (2) u 1160 tal-Kodici Civili, citati mit-Tribunal;

Il-kwantun ta' l-interessi mitluba ma jirrizultax li huwa kkontestat u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tapprova l-ammont mitlub dwarhom fl-Avviz mis-socjeta` attrici appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tas-socjeta` attrici. Thassar ghal kollox s-sentenza appellata u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut appellat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma indikata fl-Avviz. Dan

flimkien ma’ l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi u ta’ l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------